**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-3 t'Awwissu 2022**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**MARIO DEBONO**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mario Debono**, iben Carmel u Melita *nee'* Borg, imwieled in-Naxxar, nhar l-4 ta' Ottubru, 1956, residenti gewwa Razzett Santa Marija, Triq tal-Imdawra, n-Naxxar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 773456M, senjatament akkuzat talli nhar is-7 ta' Novembru, 2019, ghall-habta ta' 12:15*hrs* fl-inhawi tal-Mellieha kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi dispozizzjonijiet bhal dawk, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tar-Regolament 27(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42;

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li nhar is-7 ta' Novembru 2019 ghall-habta ta' 12.10hrs, l-pulizija rceviet rapport mill-Birdlife dwar insib illegali fl-inhawi ta' taht it-Torri l-Ahmar tal-Mellieha. F'dan il-perjodu ma kienx permissibli li jsir insib. Il-pulizija dahlu fil-post indikat mill-membru tal-Birdlife u hemmhekk sabu zewg imnasab armati, b'wiehed mix-xbiek kien miftuh filwaqt li t-tlett xbieki l-ohra kienu migbura fil-genb. Kien hemm madwar wiehed u tletin (31) ghasafur tal-ghana imferrxin mal-mansab (b'uhud fil-gabjetti filwaqt li ohrajn kienu qed jintuzaw ghat-tahrik). Hdax-il ghasfur minnhom ma kellhomx curkett. Dak il-hin fuq il-post ma kien hemm hadd prezenti. Madanakollu ftit minuti wara wasal fuq il-post persuna maskili (Mario Charles Vella) li ddikjara mal-pulizija li huwa kien qieghed hemm jonsob qabel gew il-pulizija madanakollu l-affarijiet armati ma kienux tieghu izda tal-qua imputat Mario Debono. Alice Tribe ddikjarat bil-gurament li hi gibdet filmat tas-Sur Vella hekk kif kien qed jersaq lura lejn l-ghalqa in kwistjoni u f'dan il-filmat huwa nstemgha jghid fuq il-mobile "Nghidilhom li kellek qadja".

Mix-xhieda ta' Alice Tribe jirrizulta li ghalkemm l-imputat huwa maghruf mal-Birdlife dakinhar ma ratux jonsob. Madanakollu jirrizulta li huwa mar fuq il-post izjed tard fejn ikkonfronta lill-istess xhud, qallha kliem dispreggjativ u adirittura heddidha. Dan il-konfront ma huwiex mertu tal-kaz odjern izda ta' proceduri ohra quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta.

Fit-8 ta' Dicembru 2019 gie mghajjat Mario Debono gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fejn wara li rrifjuta d-dritt tal-assistenza legali u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens, innega li l-affarijiet huma tieghu. Madanakollu Debono iddikjara mal-Pulizija, li Vella kien qallu li kienu marru l-Pulizija u huwa (Debono) kien tah parir biex imur lura u jghidilhom li l-ghasafar mhux tieghu. Mill-provi mressqa jirrizulta li Debono kellu licenzja generali ghall-insib izda mhux licenzja specjali tenut kont li dik is-sena ma kienx permissibli jsir insib ghall-ghasafar tal-ghana.

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija</u>

In linea preliminari l-abbli difensur qajjem l-eccezzjoni li l-kaz odjern huwa milqut bil-principju tan-*ne bis in idem* galadarba gia ttiehdu proceduri kontra l-imputat rigwardanti l-konfront li kien hemm bejnu u x-xhud Alice Tribe dakinhar tas-7 ta' Novembru 2019.

Fil-ligi Maltija din l-eccezzjoni hija regolata ai termini tal-Artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1] u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta[2]. L-istess kwistjoni hija regolata ukoll ai termini tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta taht l-Artikoli 1 sa 5 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali[3].

Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-abbli difensur ghamel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-9 ta' Jannar 2020, fejn fuq ammissjoni, l-qua imputat instab hati talli nhar is-7 ta' Novembru 2019 ghall-habta tas-13.30hrs gewwa Triq Ghajn Tuta, Mellieha, kien ghamel lil Alice Jane Tribe ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni. Permezz tal-istess sentenza huwa gie kkundannat ghall-hlas ta' multa (ammenda) ta' ghoxrin ewro (Eur. 20).

Stabillit dan, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tindirizza fil-mertu l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* mqajjma mid-difiza. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mihalache vs.**

---

[1] 527. Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, danma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

[2] 39(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:
Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja

[3] Artikolu 4 - Id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jewikkastigata darbtejn
1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigatgħal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.
2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xifatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekkikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, lijista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

**Romania**[4] mghotija fit-8 ta' Lulju 2019, Il-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem iddikjarat:

> *"81. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision"*

L-istess sentenza emfassizat ir-rekwiziti li jridu jigu sodisfatti bil-ghan li l-principju tan-*ne bis in idem* isib l-applikazzjoni tieghu:

> *"49. The Court observes that the wording of the first paragraph of Article 4 of Protocol No. 7 sets out the three components of the ne bis in idem principle: the two sets of proceedings must be "criminal" in nature (1); they must concern the same facts (2); and there must be duplication of the proceedings (3)."*

***Guide on Article 4 of Protocol No. 7 to the European Convention on Human Rights Right - Not to be tried or punished twice*** jispjega li t-tielet rekwizit jerggha jinqasam fi tlett rekwiziti ohra.

> *"The third component in turn consists of three separate sub-issues: (a) whether there were new proceedings; (b) if so, whether the first set of proceedings was concluded by a final decision; and (c) whether the exception in the second paragraph is applicable.*

Fid-dawl ta' dak suespost, din il-Qorti trid l-ewwel tistabillixi l-ezistenza ta' zewg proceduri ta' natura kriminali. Fil-kaz odjern ma jezistiex dubbju li s-sentenza mghotija fid-9 ta' Jannar 2020 inghatat minn Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali fi proceduri penali u li l-proceduri odjerni huma ukoll proceduri kriminali.

Fit-tieni lok, din il-Qorti trid necessarja tistabillixxi jekk l-ewwel sentenza u l-proceduri odjerni jirrigwardawx l-istess fatti. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar 2014, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Azzopardi**:

> *"L-ewwel Qorti tidher illi tat tifsira pjutost wiesgha ghall-fatt illi persuna tkun akkuzata ghall-istess fatt li tkun suggetta ghal kawza ohra, fil-fatt fis-Sentenza taghha qalet, "Illi ma hemmx id-dubju illi r-reati li dwarhom instab hati l-imputat fis-Sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010 u r- reati li dwarhom huwa jinstab akkuzat illum kollha jirreferu ghall-istess incident u cioe` l-istess fatti li sehhew fl-24 ta' Jannar, 2009." Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi tista tifhem illi hawn si tratta ghal dan l-istess incident zgur pero' mhux ghall-istess fatti.*

[4] Applikazzjoni numru 54012/10

…
*Dak illi gara fl-24 ta' Jannar, 2009 meta gie arrestat l-appellat jirreferi ghal zewg reati nettament distinti u separati minn xulxin. Wiehed jirreferi ghall-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid tad-droga. Il-fatti u l-provi li jirreferu ghal wahda zgur ma jirreferux ghall-iehor. Hekk insibu illi fil-kaz tal-lottu klandestin il-provi jirreferu ghad-dokument, kotba, notamenti u flus illi nstabu fuq l-appellat dakinhar illi gie arrestat. Il-provi illi jirreferu ghall-akkuza kontra l-Ordinanza talMedicini Perikoluzi jirreferi ghan-nuqqas ta' awtorizazzjoni ghal pusses ta' din id-droga u l-kwantita taghha u c-cirkostanzi illi kienet filpussess ta' l-appellat. L-ewwel Qorti gustament ikkwotat il-kawza "Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15 ta' Gunju, 1918) fejn ikkwotat gurisprudenza Ingliza u cioe` "The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient to proof a legal conviction upon the first." F'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad illi lprovi migbura fit-tieni process, cioe` dan il-kaz kellhom ikunu bizzejjed sabiex jippruvaw htija dwar l-ewwel reat, dak ta' lottu klandestin. Ghalhekk ma nistghux nghidu illi hawnhekk si tratta ta' l-istess fatti u l-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali ma japplikax. Ghal dak li jirrigwardja l-Artiklu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kliem testwali illi jorbot kollox huwa, "Ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat …". L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu jigu nkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza. Per ezempju jekk ghallistess fatt persuna tigi misjuba hatja ta' serq ma tistax tigi mresqa f'kawza ohra ghall-istess fatt din id-darba akkuzat b'misapproprazzjoni. Jghodd ukoll l-ezempju li gab l-Avukat Generali meta persuna tkun mixlija bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju f'kaz wiehed u ghall-istess cirkostanzi u fatt ikun mixli f'kaz iehor ghal ferita gravi u dana peress illi wiehed huwa kompriz u nvolut fl-iehor. Forsi ghall-ahjar soluzzjoni ta' din il-vertenza jkun ghaqli illi l-Qorti tirrikorri ghall-origini ta' din id-dicitura ne bis in idem u cioe' ghad-dritt Roman fejn dana jghallem illi, "Nemo debet bis vexari si constat curie quodsit pro una et eadem causa" Hadd ma ghandu jigi pprocessat darbtejn*

*jekk jigi ppruvat lill-Qorti jekk dana huwa, 'For one and the same cause'.*
*Taht l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma nistghu nghidu illi l-akkuza kontra l-lottu klandestin hija l-istess bhall-akkuza kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kif ga nghad ghad illi dan l-incident huwa wiehed il-persuna hija wahda pero' l-fatti li jirrigwardjaw akkuza minnhom huma ferm differenti mill-fatti illi jirrigwardjaw it-tieni akkuza u zgur illi hawnhekk m'ghandniex one and the same cause..."*

Illi fin-noti tieghu, il-Profs Mamo jghid hekk:
*"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953)".*
Jghid ukoll:
*"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".*[5]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Vella et** (19.2.1999), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:
*"Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett: Hekk per ezempju min f'okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta` ta' haddiehor u f'okkazzjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta` ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata."*

[5] Notes on Criminal Procedure – Profs Mamo (Pg. 44 et seq)

Illi ta' min jinnota li fil-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Cini**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 1996, il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* f'reat li sehh ftit hin qabel reat iehor li kien ghadda in gudikat. F'dawn ic-cirkostanzi dik il-Qorti iddecidiet li dawn ma jikkostitwixxux l-istess fatt u ddikjarat:

> *"L-imputazzjonijiet f'dik is-sentenza l-ohra jirreferu ghal incident li gara qabel, ghalkemm fl-istess gurnata, u fl-istess lock up, cioé ghall-incident li sehh xi siegha u nofs (1.30pm) ta' wara nofs inhar".*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Christian Grech** tal-14 ta' Mejju 2012, intqal hekk:

> *"Id-difiza tissottometti li hemm 'overlapping' bejn qligh li gej mill-prostituzzjoni (li jkun parti mir-reat) u l-money laundering. Izda bir-rispett kollu dan mhux legalment korrett. Fil-Money Laundering, wiehed ikun akkuzat li kkonverta jew ittrasferixxa propjeta` li kien jaf li gejja mir-rikavat ta' attivita` kriminali jew li heba jew wera haga b'ohra tal-vera xorta, provenjenza, lok dispozizzjoni ta' propjeta` li jkun jaf li gejja direttament jew indirettament minn attivita` kriminali. U l-ligi tipprospetta tliet sitwazzjonijiet ohra ta' kif jista' jsir il-hasil tal-flus. Mela jekk wiehed ghandu traffikar ta' persuni jew qed jghix minn fuq il-prostituzzjoni mhux ekwivalenti ghal li jaqbad dak il-qligh u jittrasferih jew jahbih jew jaghtih lil haddiehor biex izommhulu. <u>Is-sustanza tat-tieni reat hija għal kollox differenti mis-sustanza tal-ewwel reat. Isegwi li m'hemm ebda overlapping bejn ir-reat li bih huwa akkużat l-akkużat innifsu fi proċeduri oħrajn u r-reat tal-money laundering. Il-fatti huma għal kollox differenti u la l-fatti huma differenti għal kollox m'hemmx każ ta' 'ne bis in idem'".</u>*
> (sottolinear ta' din il-Qorti)

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Sergey Zolotunkhin vs. Russia** (14939/03) mghotija fl-10 ta' Jannar tas-sena 2009 iddikjarat:

> *"84. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be domonstated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings…"*

Fis-sentenza ***Grande Stevens v. Italy*** (numru 18640/10 tas-7 ta' Lulju, 2014) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat dak li kienet qalet fil-każ ta' Sergey Zolotukhin v Russia (14939/03) u iddikjarat:

*"220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of accusations levelled against the applicant in the new proceedings. Normally these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence of which he or she stands accused. In the Court's view, such statement of fact are an appropriate starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same.*
*221. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84] .....*
*224 ..... it follows from the principles set out in the case of Sergey Zolotukhin, cited above, that the question to be answered is not whether or not the elements of the offences set out in Articles 187 ter and 185 § 1 of Legislative Decree No. 58 of 1998 are identical, but whether the offences with which the applicants were charged before the CONSOB and before the criminal courts concerned the same conduct"*

Fil-każ **Tomasovic v Croatia** (applikazzjoni 53785/09) tat-18 ta' Ottubru, 2011, l-istess qorti, waslet ghal konklużjoni li:

*"27. As to the present case the Court notes that in respect of the minor offence the applicant was found guilty of possessing 0.21 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m. As regards the proceedings on indictment, she was found guilty of possessing 0.14 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m. 28. The Court cannot but conclude that the facts constituting the minor offence of which the applicant was convicted were essentially the same as those constituting the criminal offence of which she was also convicted."*

Stabbilit dawn il-principji li jemanu mill-gurisprudenza hawn fuq citata, fil-kaz odjern jirrizulta li l-fatti li wasslu ghall-ewwel proceduri quddiem din il-Qorti (diversament preseduta) huma kompletament fatti differenti minn

dawk li din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex taggudika fil-kaz odjern. L-ewwel proceduri kienu jirrigwardjaw theddid u kliem dispreggjativ li sehh mill-imputat ftit aktar tard (ghalkemm fl-istess gurnata) wara li l-pulizija wasslu fuq il-post sabiex jaghmlu l-ispezzjoni relatata mal-insib. Il-fatti tal-kaz odjern jirrigwardjaw l-irwol tal-imputat fl-insib li kien hemm dakinhar stess. Illi dawn il-fatti huwa kompletament differenti u indipendenti minn xulxin. L-ebda fatt suggett tal-ewwel sentenza ma jistgha jigi kkunsidrat bhala fatt tal-akkuza odjerna. Jinghad ukoll li s-sustanza tar-reat li tieghu nstab hati permezz tal-ewwel proceduri huwa kompletament differenti u distint mir-reat li qed jigi akkuzat bih fil-proceduri ojderni. Konsegwentament, fil-fehma ta' din il-Qorti, fin-nuqqas ta' dan l-element tal-principju tan-*ne bis in idem* din l-eccezzjoni mqajjma mid-difiza ma tirrizultax.

Illi fir-rigward tal-mertu tal-akkuza migjuba fil-konfront tal-qua imputat permezz tal-proceduri odjerni, jinghad li l-unika nes bejn l-imputat u l-attivita ta' insib li xehdu dwarha r-rapprezentanti tal-Birdlife u l-pulizija kien dak li gie rrapurtat li qal Vella lill-pulizija. Vella baqgha qatt ma gie prodott bhala xhud fil-proceduri odjerni u konsegwentament dak li rraportaw l-ufficjali tal-pulizija li qallhom Vella jikkostitwixxi detto del detto ghall-fatti mertu tal-proceduri odjerni - prova li skond il-gurisprudenza ma hijiex bizzejjed ai fini ta' sejbien ta' htija.

Konsegwentament din il-Qorti ma hijiex sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat u ghaldaqstant qed jigi lliberat minnha.

## Decide

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, mhux qed issib lill-qua imputat **Mario Debono** hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur